Ottubru 2012

## Lista ta’ kontroll 2: Lista ta’ kontroll għal methylphenidate (MPH) għall-monitoraġġ ta’ terapija kontinwu

Dan li ġej huwa maħsub sabiex jgħinek fil-monitoraġġ ta’ terapija kontinwa ta’ prodott li jkun fih MPH fil-pazjenti b’disturb ta' nuqqas ta' attenzjoni/attività eċċessiva (attention-deficit/hyperactivity disorder - ADHD).

Kif spjegat f’aktar dettall fl-informazzjoni dwar il-preskrizzjoni, l-istatus tal-iżvilupp, dak psikjatriku u dak kardjovaskulari għandhom jiġu mmonitorjati tajjeb:

- Il-pressjoni tad-demm u l-polz għandhom jiġu rreġistrati kull darba li tiġi aġġustata d-doża u mbagħad mill-inqas kull 6 xhur
- It-tul, il-piż u l-aptit għandhom jiġu rreġistrati mill-inqas kull 6 xhur biż-żamma ta’ ċart tal-iżvilupp
- L-iżvilupp ta’ disturbi psikjatriċi *de novo* jew l-aggravar ta’ disturbi psikjatriċi diġà eżistenti għandu jkun immonitorjat kull darba li tiġi aġġustata d-doża u mbagħad mill-inqas kull 6 xhur u waqt kull viżta

Huwa rrakkomandat li din il-lista ta’ kontroll tintuża flimkien mal-informazzjoni sħiħa dwar il-preskrizzjoni għall-prodott individwali li jkun qed jiġi preskritt.

Jekk jogħġbok niżżel u stampa din il-lista ta’ kontroll qabel il-konsultazzjoni tiegħek. Ma tistax taħżen xi informazzjoni speċifika dwar il-pazjenti fuq is-sit elettroniku. Il-lista ta’ kontroll mimlija tista’ titqiegħed mar-rekords tal-pazjent.

Inti u timla l-lista ta’ kontroll, jista’ jkun utli wkoll li tiddiskuti l-fuljett ta’ tagħrif għall-pazjent (PIL) tal-prodott individwali li tkun qed tippreskrivi mal-pazjent u mal-ġenitur(i) jew tutur(i) tiegħu.

## Monitoraġġ waqt il-kura kontinwa b'MPH

| | |
|---|---|
| Data tal-eżami: | ______________________ |
| Raġuni għall-eżami: | ______________________ |
| Isem il-pazjent: | ______________________ |
| Data tat-twelid: | ______________________ |
| Età: ____________ | Sess: ____________ |

**Irrevedi b'attenzjoni s-sistemi li ġejjin kif indikat hawn taħt <u>ma' kull aġġustament tad-doża u waqt il-viżti ta' segwitu mill-inqas kull 6 xhur</u>:**

| | Ivvalutat |
|---|---|
| **Sejbiet mediċi ġenerali** | |
| • Ħu nota tat-tul, il-piż tal-ġisem u l-aptit (ara ċ-ċart ta' segwitu separata) | ☐ |
| *Ikkunsidra li twaqqaf MPH jekk l-iżvilupp ikun aktar baxx minn dak mistenni* | |
| • Ħu nota ta' kwalunkwe indikazzjoni ta' abbuż, użu ħażin jew devjazzjoni ta' MPH | ☐ |
| • Tqala | ☐ |
| *Ivvaluta l-benefiċċji/ir-riskji* | |
| **Sejbiet kardjovaskulari ġodda** | **Il-pressjoni tad-demm u l-polz għandhom jiġu rreġistrati** |
| • Palpitazzjonijiet | ☐ |
| • Uġigħ fis-sider ikkawżat minn sforz | ☐ |
| • Sinkope mhux spjegata | ☐ |
| • Qtugħ ta' nifs | ☐ |
| • Sintomi oħra li jissuġġerixxu mard tal-qalb | ☐ |
| *Irreferi minnufih għand speċjalista għal eżami kardijaku* | |
| **Sejbiet newroloġiċi ġodda** | |
| • Uġigħ ta' ras sever, tnemnim, debbulizza jew paraliżi, indeboliment fil-koordinazzjoni, vista, kliem, lingwa jew memorja | ☐ |
| *Kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq tista' tindika vaskulite ċerebrali: waqqaf MPH* | |
| • Żieda fil-frekwenza tal-aċċessjonijiet jew iseħħu aċċessjonijiet ġodda | ☐ |
| *MPH għandu jitwaqqaf* | |
| **Sejbiet psikjatriċi ġodda jew aggravar tagħhom** | **L-iżvilupp ta' disturbi psikjatriċi *de novo* jew l-aggravar ta' disturbi psikjatriċi diġà eżistenti għandu jiġi immonitorjat** |
| • Sintomi psikotiċi jew manijaċi | ☐ |

| | |
|---|---|
| *Ikkunsidra li twaqqaf MPH* | |
| • Ħsieb jew imġiba suwiċida | ☐ |
| *Ikkunsidra l-kura tal-kundizzjoni psikjatrika sottostanti*<br>*Ivvaluta l-benefiċċju/ir-riskju mill-ġdid* | |
| *Ikkunsidra li twaqqaf MPH* | |
| • Aggressjoni jew imġiba ostili | ☐ |
| *Ikkunsidra l-ħtieġa li taġġusta l-kura* | |
| • Ansjetà, aġitazzjoni jew tensjoni | ☐ |
| • Sintomi ta' depressjoni | ☐ |
| • Kontrazzjonijiet involontarji motorji u vokali jew aggravar tagħhom | ☐ |
| **Tul tal-kura** | |
| • Il-pazjent qed ikun ikkurat kontinwament għal >12-il xahar | ☐ |
| • Osservat titjib fis-sintomi wara l-aġġustament xieraq tad-doża fuq perjodu ta' xahar, inkella huwa rrakkomandat li l-mediċina titwaqqaf | ☐ |
| *Ikkunsidra perjodu ta' prova mingħajr il-mediċina mill-inqas darba fis-sena sabiex tiddeċiedi jekk għadhiex meħtieġa l-kura kontinwa* | |

| |
|---|
| Ħu nota ta' kwalunkwe informazzjoni oħra hawnhekk |

Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, jekk jogħġbok uża ċ-ċart ipprovduta sabiex tirreġistra l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ kontinwu: (link għaċ-ċart)

**Tmiem il-kura**

Teħtieġ sorveljanza attenta waqt l-irtirar mill-mediċina, minħabba li din tista' tiżvela
• **Depressjoni** kif ukoll
• **Attività eċċessiva kronika**
Ċerti pazjenti jkunu jeħtieġu segwitu fit-tul.